**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 11 ta' Lulju, 2001**

**Numru 3**
**Citaz. Nru. 761/91 FD**

**Natalie Bonnici**

**Vs**

**Saviour Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici Natalie Bonnici hija mart il-konvenut, l-imsemmi Saviour Bonnici, u jghixu fil-fond Belleview Flats, No. 6, Sghajtar Road, Mosta;

Premess illi taht xahrejn ilu l-konvenut, abbuzivament u klandestinament qabad u ghalaq lil

martu l-attrici Natalie, barra minn darha billi biddel is-serratura tal-bieb ta' barra;

Premess illi dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ghaliex l-istess konvenut qieghed jippriva lill-attrici mill-pussess u tgawdija ta' l-imsemmi fond;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll meta abbuzivament u klandestinament huwa qed jippriva lil martu mit-tgawdija tal-fond Belleview Flat No. 6, Sghajtar Road, Mosta wara li f'dawn l-ahhar xahrejn biddel is-serratura tal-bieb ta' barra ta' l-istess fond;

2. Tordna ill-konvenut jirriintegra lill-attrici fil-pussess tal-fond fuq imsemmi u dan fi zmien qasir u perentorju kif joghgobha tipprefiggi din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa ecceppixxa:-

1. Illi l-attrici fil-fatt ma kelliex il-pussess tal-flat in kwistjoni u ghalhekk il-konvenut ma kkommetta l-ebda spoll;

2. Illi fil-fatt kienet l-attrici li kkommettiet spoll meta b'forza dahlet fid-dar li taghha hija ma kelliex pussess u minn hemm hadet diversi mobbli;

3. Illi dwar dan l-ispoll hemm gia kawza ohra quddiem din il-Qorti kif preseduta u differita ghall-ewwel seduta;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti tal-kawzi l-ohra bejn il-kontendenti u senjatament dik tas-separazzjoni bin-numru 843/91 u li qeghda tigi deciza illum stess;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex il-Qorti tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll kontra taghha meta huwa bidel is-serratura tal-bieb ta' barra tad-dar matrimonjali u talbet li l-Qorti tirriintegrha fid-drittijiet u l-pussess taghha ta' l-istess fond;

Illi minn naha tieghu, il-konvenut eccepixxa illi huwa ma kien ikkummetta l-ebda spoll stante li hija

ma kinetx fil-pussess tal-fond in kwistjoni meta huwa biddel is-serratura u illi diga` kien hemm kawza ohra ghall-spoll quddiem dina l-Qorti;

Illi l-partijiet qablu li din il-kawza kienet konnessa ma' sensiela ta' kawzi ohra bejn il-kontendenti, li qed jigu wkoll decizi llum, u senjatament dik dwar it-talba ghal separazzjoni bejn il-kontendenti bin-numru 843/91 u li giet ukoll deciza illum stess u li fiha ingabbru l-provi kollha ta' dawn il-kawzi;

Illi il-Qorti mir-rizultanzi processwali tifhem li l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali wara xi kwistjoni serja li kellha ma zewgha;

Illi mill-atti ma jirrizultax li jissussistu l-elementi mehtiega biex tintlaqa' talba ghal dikjrazzjoni li gie kommess spoll anki peress li ma jirrizultax definittivament kienx hemm abbandun tad-dar matrimonjali u x'kien l-iskop tac-caqliq tad-diversi oggetti. F'kull kaz il-kwistjoni tad-drittijiet patrimonjali qeghda tigi deciza fil-kawza l-ohra ta' separazzjoni u li jkun opportun li l-Qorti ma tiehux aktar konjizzjoni l-anqas ta' dina l-kawza fid-dawl tad-decizjoni illi sejra tinghata fil-kawza ta' separazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li taghmel referenza ghas-Sentenzi moghtija fil-kawzi l-ohra pendenti bejn il-partijiet u

senjatament dik ta' separazzjoni Citazzjoni Numru 843/91 deciza dalghodu;

Tichad l-Ewwel Talba, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Talba kif formolati f'din ic-citazzjoni.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur